# Ir-Restawr fid-Dar 'LEVITA MARTRI'



L-ewwel darba li dħalt fid-dar 'Levita Martri,' kienet fis-sena 2008, iżda lil Andrew-Lawrence sirt nafu fil-festa tal-Kunċizzjoni fil-kampnari tal-Kolleġġata ta' Bormla, liema parroċċa Andrew ġie mgħammed fiha. Hemmhekk sirt naf li ftit jiem qabel kien ħalla din id-dinja missieru Joseph. Minkejja li ma kontx nafu xorta waħda kont ħassejt dieqa għax kien miet ta' 52 sena biss. Din id-dieqa ttaffiet meta Andrew qalli li xorta kien ser ikompli bi pjan li kien qed jiżvelali għas-sena speċjali tal-Martirju u aktar tard komplejna niltaqgħu f' aktar kampnari peress li aħna t-tnejn għandna ħafna għal qalbna il-kampanoloġija. Kien fil-kampnar tal-Kolleġġata ta' San Pawl fil-Belt Valletta fejn hemmhekk huwa qalli li kienet waslet il-wirja tal-Kurċifissi. Jien kelli kurċifiss antik li kellu xi ħsarat fejn hu kien ħajjar li jsewwihuli u jesebieh fil-wirja. Kif spiċċajna l-moti ta' San Pawl lejlet il-festa, Andrew wassalni bil-karozza sad-dar tiegħi u nżilna bil-kurċifiss fid-dar 'Levita Martri' fejn hemmhekk xi ħaġa laqtitni meta rajt li l-kmamar t' isfel kienu battala u staqsejtu: "Hawnhekk dejjem ikun hekk battal?" Huwa wieġeb b'nofs tbissima, "Le, imma bħalissa l-għamara qiegħda mqassma għand in-nies." Jien infqajt nidħak għax dawn l-affarijiet qatt ma kont rajt bħalhom u ngħiduha kif inhi, ma tantx hawn min jagħmel dawn l-affarijiet straordinarji.

Kif dħalt ġol-post laqtitni xi ħaġa, dawn kienu l-arkati reqdin u nofs tond li kien hemm fil-post u jien ħriġt bl-idea biex jinqala' l-injam li xi ħadd kien kesa l-post bih. Meta kont tajt din l-idea lil Andrew kien ħassarli għax kien qalli li kien hemm ħafna tbaqqin wara dak l-injam. Dan kien sar jafu meta kien ħa tentattiv xi snin qabel u qata' qalbu. Sa dakinhar ċertu restawr fil-faċċata u l-aperturi kien ġa lest u anke l-kantina kienet ġa lesta.

Darba kien hemm bżonn ta' xi tibjid fil-kmamar ta' fuq wara li kienet għaddiet is-sena 2008, fejn meta bdejt nobrox il-ġir inkixfet parti kbira mill-ġebla u kien aktar jaqblilna li nibdew noborxu id-dar kollha. Wara ftit Andrew aċċetta u x-xogħol inbeda kamra wara kamra. Il-kamra Lawrenzjana kien fiha l-ħsara tat-tbaqqin u għalhekk jien kelli nimla d-daqqiet b' tajn addattat għar-restawr li huwa 'Calcio Romano,' u ramel li jintuża fil-proġetti ta' restawr professjonali. Jien ġejt mgħallem mill-MCAST fit-taqsima tar-restawr Bighi u għalhekk stajt immexxi dan il-proġett b'mod professjonali. Wara l-festa 2009 irrestawrajna l-intrata fejn sibna niċċa f' post prominenti u ħaġa li tant konna ilna nfittxu nstabet f' post fejn lanqas biss stennejna. Dan kien bir fond u mdaqqas li huwa forma ta' qanpiena u fih sibna ilma ċar li wieħed seta' jużah mal-ewwel. Sibna wkoll diversi bibien, twieqi u armarji li

dawn kienu jiġu magħluqa minħabba l-ħitan biex ikunu kemm jista' jkun lixxi; dawn ftaħniehom kollha. F'armarju minnhom sibna fliexken ta' żmien il-bidu tas-sevizzi Ingliżi. Dawn jagħtu prova li dawn kienu ilhom magħluqa għal aktar minn mitt sena. Il-proġett kien iebes iżda sabiħ u Andrew-Lawrence tgħallem ħafna wkoll.

Wara li lestejna l-intrata beda proġett twil li din, b'għaġeb kbir tiegħi, skantajt kif Andrew qalli li kien ser jirrestawra t-taraġ. Dan ix-xogħol kien qanqal ħafna xogħlijiet oħra kbar li lanqas biss stennejna li ser ikollna nagħmlu. L-akbar kedda li ħadna kien il-bdil tal-katusi tad-drenaġġ li għamilniehom jien u Andrew. F'din l-esperjenza tgħallimna flimkien u kif jgħid il-Malti kienet kedda tal-ewwel u tal-aħħar; u kull meta ngħaddi mit-taraġ inħares lejn ir-rokna tal-katusi b'sodisfazzjon.

Wara l-miġja tal-Q.T. il-Papa Benedittu XVI, qlajna kamra oħra li kienet lesta fix-xahar ta' Ġunju biex b'hekk issa fadal



Il-bir li nstab fl-intrata waqt ix-xogħol.



L-intrata lesta mix-xogħol tar-restawr.



It-taraġ lest mix-xogħol tar-restawr.

żewġ kmamar x' jinbarxu u ftuħ ta' kantina oħra li mill-kantina attwali tidher il-bokka tagħha. Darba Andrew, flimkien ma' Carlo Tonna, kien ha ċans u dawn kienu qatgħu qalbhom ukoll imma nittamaw li sal-Birgufest din il-kantina tkun miftuħa għall-publiku.

Jien inħossni sodisfatt illi din id-dar inbidlet mil-lejl għan-nhar u tista' titgawda l-istorja li nsibu ġo fiha. Din id-dar ma nbnietx fl-istess epoka u għalhekk din, matul is-snin, għaddiet minn evoluzzjoni wara oħra. Jidher li l-bidu tal-bini ta' din id-dar jeħodna fis-seklu sittax. L-intrata kienet id-daħla prinċipali kif fil-fatt għadha sallum fejn imbagħad kont issib bieb fuq kull naħa. Fejn illum hemm il-kamra Lawrenzjana kien hemm bieb faċċata li tinżel għalih bit-taraġ li llum jinsab magħluq. Bieb ieħor li nstab magħluq kien bieb li jagħti għall-kantina ħdejn il-bieb tal-istess kantina fejn dan jurina li t-taraġ kien ta' forma oħra minħabba li għad hemm fejn kienu jserrħu x-xorok. Id-dar żgur li kienet tinfed mal-Oratorju tal-Kurċifiss minħabba li hemm arkata magħluqa fil-kantina mal-ħajt tat-taraġ. Il-ħajt tat-taraġ ewlieni li jieħdok għal fuq huwa wiesa', jidjaq u jibqa' tiela' b'nofs il-ftuħ tal-indana tat-taraġ. Hemm innutajt illi l-ħajt fejn hemm it-taraġ il-wiesa' huwa aktar 'il barra mill-ħajt li jkompli tiela' l fuq; dan ifisser li t-taraġ ġie mibdul bosta drabi sakemm evolva f'dak tallum.

Ħajt ieħor li ma kienx hemm huwa dak diviżorju ta' bejn il-kċina u l-kamra tal-gallerija tal-injam fl-ewwel sular, fejn hemm evidenza ta' arkati rivoltati li għadhom jidhru is-saqajn tagħhom.



**Is-Sur Russell Brincat waqt xogħol ta' restawr.**



**Is-Sur Andrew Lawrence Zarb waqt xogħol fuq il-katusi.**

Ħajt ieħor diviżorju ġdid fit-tieni sular sar fl-2006 biex qasam il-kamra ta' fuq fi tnejn skond il-ħtieġa fuq ordni ta' Andrew stess. Is-sulari x'aktarx inbnew f'epoki differenti iżda l-faċċata baqgħet tinżamm fuq l-istess stil, għajr ħaġa li ser titneħħa wara l-festa ta' din is-sena u li din hi marbuta ma' proġett kbir.

Qabel ma nagħlaq nixtieq ngħid li l-proġett kollu tar-restawr huwa mmirat li jiġi inawgurat flimkien mal-proġett ambizzjuż tal-pedistall li huwa msemmi fil-kitba ta' Andrew-Lawrence.

Nieħu din l-okkażjoni biex nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd u nħeġġiġkom iżżuru d-dar protagonista biex tgawdu frott il-ħidma ta' missirijietna.

**Russell Brincat**


**BAROCCO STORE**

**Old Government Palace Street - Birgu**

*(Prop: Gordon Dimitri – Ċaqqu)*

*Issibu: washing materials, toiletries detergents, mineral water, juices, beer, pet food*

*Tel: 7946 5811*

**PREZZIJIET MODERATI**

